# DUN LUDOVIK MIFSUD TOMMASI
## F'GHELUQ IL-MITEJN SENA MINN TWELIDU

MILL-KAN. ĠUŻEPP BONELLO



Wieħed mis-saċerdoti li kien ġawhra tal-kleru Malti, u l-unur ta' belt twelidu Bormla, żgur li kien il-qassis Bormliż Dun Ludovik Mifsud Tommasi li s-sena l-oħra ħabat għeluq il-mitejn sena mit-twelid tiegħu li ġara f'Bormla fit-18 ta' Novembru, 1796. Dun Ludovico kien qassis ħabrieki, qaddis u għaref, Kanonku tal-Kolleġġjata ta' Bormla, devotissimu tal-Madonna, teologu għaref, illawrjat fit-Teoloġija u fid-Drittu, oratur mill-aqwa, predikatur u konfessur tal-kleru, Monsinjur tal-Kattidral, poeta u kittieb tal-Malti u l-ewwel wieħed li ħass il-ħtieġa li fil-Liturġija, fit-talb u fil-funzjonijiet tal-Knisja jintuża l-ilsien tal-Poplu - il-Malti.

Dan il-qassis Bormliż twieled f'Bormla fis-sena 1796, studja fl-Università ta' Malta fejn ħa d-Dottorat fit-Teoloġija (S.Th.D) u kien ordnat qassis mill-Isqof Ferdinandu Mattei fil-21 ta' Marzu 1821. Studja wkoll f'Ruma fejn ħa d-Dottorat fil-Liġi Kanonika u Ċivili (Juris Utriusque Doctor). Kien jgħallem għall-ewwel fis-Seminarju ta' l-Imdina u wara bagħtuh jgħallem fis-Seminarju tal-Furjana. Kien jagħmel ħafna xogħol pastorali fil-parroċċa ta' Bormla u bħala predikatur kien magħruf bħala wieħed mill-aqwa oraturi ta' Malta.

Il-Papa Pju VIII ħatru bħala l-ewwel Arċipriet tal-Parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ, iżda din il-ħatra qatt ma ġiet ikkonfermata mill-Kurja ta' Malta. Ġie nominat ukoll Arċipriet tal-Kattidral ta' Malta, iżda Dun Ludovik deherlu li ma għandux jaċċetta din in-nomina. Fis-sena 1834 fetaħ skola fil-Belt għat-tagħlim tal-lingwi, letteratura, filosofija u xjenza. Fl-1857 laħaq Kanonku tal-Kolleġġjata ta' Bormla, fejn ħa l-pussess fit-2 ta' Jannar 1858. Meta kellu 72 sena ġie maħtur Monsinjur tal-Kattidral ta' Malta, fejn ħa l-pussess fil-15 ta' Gunju 1868. Kien ukoll eżaminatur tal-Kurja għall-Kleru ta' Malta. Miet fl-Imdina meta kellu 83 sena fit-23 ta' Ottubru 1879, meta kien diġa tilef id-dawl ta' għajnejh. Ġie midfun fil-Kattidral ta' Malta.

( Ikompli f'paġna 7 )

( Jissokta minn paġna 6 )

POETA U KITTIEB TAL-MALTI

Qabel il-Konċilju Vatikan II, u qabel il-Papa Giovanni XXIII, il-Kanonku Mifsud Tommasi, daqs kważi mitt sena qabel, ħass il-ħtieġa li fil-Liturġija, fit-talb u fil-funzjonijiet tal-Knisja jintuża l-ilsien tal-poplu - il-Malti. Dun Ludovik ħass li l-Latin huwa dejjem ilsien diffiċili għall-fidili, u għalhekk, minkejja li dak iż-żmien il-Malti kien għadu ma qabadx art bħala lingwa letterarja, fis-sena 1853 hu kien diġà ttraduċa mil-Latin ħafna Innijiet tal-Brevjar u tal-Missal Ruman. Hu stess jgħidilna x'kien li ħajru jikteb dawn l-innijiet. "Jiena", kiteb Dun Ludivik, "ġibt dawn l-innijiet bil-Malti biex min ma jifhimx il-Latin, jista' jifhem, itiegħem, jitgħallem u jgħallem fuq kollox lil dawk li majafux..."

Kiteb aktar minn 500 kurunella (innijiet) fosthom waħda lil Sant'Andrija, Patrun tal-Parroċċa ta' Ħal Luqa u kien iqassamhom b'xejn lill-poplu. Ħafna minn dawn il-kurunelli għadhom jintużaw sal-lum fil-parroċċi tagħna. Qabel, kien ħareġ xi poeżiji bit-Taljan u meta xjieħ, għalkemm tilef id-dawl ta' għajnejh, xorta baqa' jikteb il-poeżiji bil-Malti, u sa sena qabel ma miet, insibuh jikteb fil-"Habbar Malti".

L-INNIJIET IMQADDSA

L-isbaħ xogħol letterarju tiegħu huwa "INNIJIET IMQADDSA", li fih insibu tant poeżiji sbieħ li trid ktieb sħiħ biex tkkummenta fuq kull waħda minnhom. Dun Karm, il-poeta Nazzjonali tagħna, għamel studju speċjali fuqhom fis-sena 1930, u hekk ikkummenta:"Dun Ludovik Mifsud Tommasi kien il-bniedem mogħni bl-isbaħ kwalitajiet ta' poeta, teknika fil-versi, tħaddim bis-sengħa tal-kelma Maltija u sentimenti għanja ta' mħabba kbira...L-Innijiet Imqaddsa nistgħu nqisuhom bħal baħar kbir li minnu nistgħu nixorbu kull ħin u kull waqt li rridu ideat ta' benna u fejda". Anke l-poeta Bormliż Ġużè Chetcuti għamel studju speċjali fuq dawn l-innijiet u sejjaħ dawn il-poeżiji "ġawhra prezzjuża fil-letteratura ta' lsienna".

IL-KWADRU SANTWARJU TAL-KOR

L-ebda monument, l-ebda lapida, l-ebda tifkira, l-ebda triq ma għandna għal dan il-Bormliż famuż. Is-soltu tagħna! Iżda żgur li l-iktar tifkira għażiża li għandna ta' Mifsud Tommasi hija l-kwadru - Santwarju tal-Kor tal-Parroċċa ta' Bormla - l-iktar ħaġa għażiża u devota li għandna fil-parroċċa tagħna. L-idea ta' dan il-kwadru devot kienet tal-Kanonku Mifsud Tommasi li minn butu ħallas l-ispejjeż meħtieġa.

Il-pittur Pietru Pawl Caruana, li pinġa dan il-kwadru, irnexxielu bil-għajnuna u s-suġġerimenti tal-għaref saċerdot Dun Ludovik, joħloq wieħed mill-isbaħ kwadri u l-aktar atistiċi li l-Arti Maltija qatt setgħet tipproduċi f'dawk li huma suġġetti reliġjużi. L-arma ta' Mifsud Tommasi tinsab impittra fir-rokna tal-kwadru.

( Ikompli f'paġna 12 )

**L-ISTAMPA TA' QUDDIEM TURI KOMPOŻIZZJONI ARTISTIKA BIL-KAPPELLA TAL-MADONNA TAL-FTAJJAR FUQ IX-XELLUG, BL-ISTATWA TA' SANT'ANDRIJA FIN-NOFS, U BIS-SIĠRA TAL-LUQ FUQ IL-LEMIN.**
**Akwarell tas-Sur Carmelo Montebello minn Ħal Luqa.**

# WASLET IL-FESTA

Sant'Andrija reġa' wasal,
Kbir Appostlu ta' Gesù;
Lilu nagħmlu festa kbira,
Qaddis kbir ġo din il-Gżira.

Sant'Andrija l-Patrun tagħna,
Minn ġon-niċċa noħorġuh,
F'nofs il-knisja nqegħduh,
Bix-xema' u l-fjuri ndawruh.

Sant'Andrija, Kbir Appostlu,
Sajjied kien, jaqbad il-ħut;
Telaq kollox minn idejh
Għax Gesù sejjaħlu lejh.

Festa kbira aħna nagħmlu,
Kemm fil-knisja, kemm fit-triq.
It-toroq kollha mżejnin,
U jħobbuh il-Ħal Luqin.

Noħorġuh fil-purċissjoni,
Mar-raħal kollu ndawruh
Fost sparar u marċi sbieħ,
Ilkoll ferħana bih.

Mela nħobbu l-Patrun tagħna,
Li kkonverta ħafna nies.
Għadda minn tbatija kbira,
Hu ta' xejn ma kellu ħtija.

Il-ħżiena rabtu 'l Sant'Andrija
Ma' salib bħal lil Gesù.
Kien dejjem jgħallem is-sewwa
U 'l kulħadd jieħu bil-ħlewwa.

Viva ngħajtu 'Sant'Andrija,
Patrun tal-Ħal Luqin!'
Xieraq li nagħmlu festa kbira,
Għax bih aħna lkoll kburin.

Sant'Andrija, Kbir Qaddis!
Lilu nitolbu b'qalbna kollha
Biex iħarisna mit-tiġrib
U lejn is-sema jżommna qrib.

G. GERADA.

( Jissokta minn paġna 7 )

Tajjeb, għalhekk, li meta nkunu nitolbu u nħarsu lejn il-Madonna tal-Kor, niftakru wkoll f'dan is-saċerdot Bormliż li kien ġawhra tal-Kleru Malti u unur ta' art twelidna.

Referenzi:-
Arkivju - Kanċellerija, Kurja.
Wirt Il-Muża paġ. 28-30.
Cospicua, Gużè Chetcuti - April 1959.
Heritage, No. 19.
Times of Malta, Gużè Aquilina, Feb . 14, 1978.
Leħen il-Banda San Ġorġ, J. Bonello, 1978.